IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 37**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** — Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 33**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G33 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 33

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 33** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 33

2.01 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 34**

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G34 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 34

**4.00** **Punti li joħorġu mill-Minuti G 34** Punti li joħorġu mill-Minuti G 34

4.01 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

**5.00** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 35**

5.01 Il-minuti tas-seduta numru G35 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 35

**6.00** **Punti li joħorġu mill-Minuti G 35** Punti li joħorġu mill-Minuti G 35

6.01 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

**7.00** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 36**

7.01 Il-minuti tas-seduta numru G36 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 36

**8.00** **Punti li joħorġu mill-Minuti G 36** Punti li joħorġu mill-Minuti G 36

8.01 3.01 Is-Sindku nforma il-laqgħa li kien beda izur il-blokok tal-appartamenti u jiddentifika dawk li għandhom bzonn manutenzjoni. Hu qal li peress li ma laħħaqx izzur il-blokok kollha kien ser jipprezenta tali informazzjoni f'seduta oħra. Skema għall-Manutenzjoni tal-Komun fil-Binijiet tal-Gvern

8.02 15.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-Sur A. Mifsud kien infurma li ma setgħax jaċċetta ir-rwol ta' konsulent dwar l-aggudikazzjoni tal-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku. Ħatra ta' konsulent



d O

## 9.00 Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalitá

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalitá

## 10.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

10.01 Is-Sindku nforma l-laqgħa li ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-latrina pubblika tal-irgiel fi Triq l-Kullegg kienu tlestew u li issa kienu nbedew ix-xogħolijiet fuq il-latina pubblika tan-nisa. Huwa ppropona li fil-Ħamis ix-Xirka, bejn is-6 u l-11 ta' fil-ghaxija, il-latrina tal-irgiel tinfetaħ temporanjament għal użu tal-pubbliku. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ftuħ temporanju tal-latina ta' Triq il-Kullegg

10.02 Is-Sindku ġab mil-ġdid għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ħtiega li jkun maħtur konsulent dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku ppropona lil Perit D. Cordina għal dan ir-rwol. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

Ħatra ta' konsulent dwar l-aggudikazzjoni tal-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku

10.03 Is-Sindku ta' rendikont tax-xogħolijiet li saru s'issa fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald (Proġett Miżura 313). Huwa preżenta ukoll l-*interm certification* tal-*invoice* preżentata mill-kuntrattur li tlaħħaq għal €115,532.52. Kien inutat mill-Kunsill li kien hemm ammont ta' varjazzjonijiet mix-xogħolijiet oriġinali li jlaħħaq għal €40, 723.80.

Ħlas dovut fuq xogħlijiet eżistenti fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald

Wara diskussjoni li saret gie deċiżż li s-Sindku bħala *project leader* tal-proġett jitlob lill-Konsulent Tekniku (Perit), *financial plan* ta x'intefaq sa issa u x'fadal jintefaq fuq il-proġett.

10.04 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-propjetarja tal-istabbiliment *Crazy Cook* kienet qegħda tressaq talba lil Kunsill, sabiex waqt li qegħdin issir ix-xogħolijiet fi Triq Santa Rita tigi estiza l-bankina ta quddiem l-istabilimnet tagħha sabiex tarma l-imwejjed u siġġijiet.

Talba-mill-propjetarja tal-istabiliment *Crazy Cook*

Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tan-*No Objections* li l-Kunsill precedenti kien ħareġ lil propjetarja ta' dan l-istabbiliment.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-8.05 ta' filgħaxija

10.04.1 Il-Kunsillier Rudolf Grima saħaq li l-Kunsill għandu joqgħod attent sabiex ma jinħoloqx precedenti, minħabba li l-proċedura hi li meta issir estenzjoni ta' bankina biex jinħarġu l-imwejjed u siggijiet dejjem issir għas-spejjes tal-individwu.

Il-Viċi Sindku saħqet li jekk il-Kunsill ser jaċċeta din it-talb kien ser jonqos il-parkeġġ għar-residenti u għaldqstant ser ikomplu inżidu l-problema tal-parkeġġ

fil-lokalita'.

Is-Sindku ppropona li tintalba l-approvazzjoni tal-*Paying Agency* għal din il-varjazzjoni u jekk ma tiġiex approvata din għandha titħallas min propjetarja tal-istabbiliment *Crazy Cook.* Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Intalba li jittieħed vot fuq din il-proposta. Il-vot għadha b'sebgħa voti favur u astenzjoniji waħda.

10.05 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-*Health & Safety Officer* inkarigat mill-proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald kien qiegħed jipproponi li sakhemm jitlestew ix-xogħolijiet, Triq ta' Santa Rita tigi *One Way.* — Proposta mill-*Health & Safety Officer* dwar Triq Santa Rita

Wara diskussjoni li saret gie deċiż li l-*Project Coordinator* tal-proġett titkellem mal-*Health & Safety Officer* dwar il-possibilita li tiġi evitata li imsemmija triq tigi *one way.*

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-8.35 ta' filgħaxija

10.06 Is-Sindku nforma l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand il-kumpanija *Synthesis Management Services Ltd* dwar l-kuntratt li kellha mal-Kunsill għas-serviżż ta' *contracts manager*, fejn il-Kunsill kien qiegħed jintalb sabiex jerġa jikkunsidra id-deċiżjoni meħuda fis-seduta G36. — Talba mil-kumpanija *Synthesis Management Services Ltd*

Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta mill-kumpanija u wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li jirrijafferma l-pożiżjoni meħuda waqt seduta G36.

10.07 Is-Sindku nforma l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand il-kumpanija *Xarabike, Ltd* fejn kienu qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill, sabiex jiddiskutu proġett li jinvolvi makkinarju imsejjaħ *Xarabike.* — Talba *Xarabikes*

Il-Kunsill qabel li jiltaqa mas-sidien tal-kumpanija nhar it-Tlieta 21 ta' April, fis-6.00 ta' filgħaxija

**11.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġeddet l-isħubija tiegħu bħala Membru Korporattiv fl-ANSEK. Il-ħlas huwa ta' €180. Is-Sindku ppropona li l-miżata titħallas għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tiġdid sħubija ANSEK

11.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 244 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 244

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-Ġbir ta' Skart Goff (RLC/T/144/14).

Intefgħu ħames offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Dimbros | €1.43 *per household* |
| 2 | Ronald Bezzina | €0.75c *per item* |
| 3 | Saviour Mifsud | €3.40 *per household* |
| 4 | Mary Carmen Gatt | €2.36 *per household* |
| 5 | WM Environmental Ltd | **'Option 1'** €2.65 *per household*<br><br>**'Option 2'** €9,000 *per annum* |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li l-offerent Ronald Bezzina jiġi skwalifikat peress li l-prezz mitfugħ ma kienx skond ir-rekwiżiti, filwaqt li ma tigiex milqugħa l-offerta ta' WM Environmental 'Option 2'. Il-Bord qabel li jirrakkomanda l-offerta ta' Dimbros peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 12 tal-aġenda.**

**12.00 Għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff – RLC/T/144/14**

12.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-gbir ta' skart goff, lill-offerent Dimbros peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff – RLC/T/144/14

**13.00 Memo 5/2015 – Skema dwar Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2015-2016**

13.01 B'referenza għal Memo 5/2015 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* 2014-15. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal żewġ korsijiet li jaqgħu taħt Sezzjoni A, li huma Spanjol u Fotografija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Memo 5/2015 – Skema dwar Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2015-2016

## 14.00 Korrispondenza

14.01 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/0266/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-uffiċċju elettorali kien qed jitlob lil Kunsill sabiex jassenja ismijiet tat-toroq ta' diversi trejqiet li hemm fiz-zona ta' Għajn Kajjet sabiex ikun jista jinbeda l-proċess tal-*ID cards* il-ġodda fil-lokalita'. — Ismijiet tat-toroq ġodda

Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li l-Kunsill jipproponi lil Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq dawn l-ismijiet kif ġej:

Triq l-Feniċi
Triq in-Normani
Triq ir-Rumani
Triq l-Kavallieri

14.02 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/0186/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din il-bozza għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. — Installazzjoni ta' bozza

14.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0304/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyres* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyres* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa

14.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0281/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa

14.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0285/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa

14.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0273/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. — Talba ghal rimbors ghal hsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa

14.07 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill problema dwar bozza go Triq tal-Virtu'. Huwa spjega li kien hemm bozza li ġiet maqlugħa mill-Kunsil wara talba min resident li kien ser iwaqqa u jerġa jibni mill-ġdid. Huwa kompla billi qal li skond il-proċedura din il-bozza terġa titwaħħal għas-spejjes tar-resident li jkun għamel it-talba, wara li jitlestew ix-xogħolijiet, izda l-imsemmi residenti qiegħed jirrifjuta li jagħmel dan. — Bozza Triq tal-Virtu'

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jgħaddi l-kaz lil avukat tal-Kunsill.

14.08 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-kumpanija *Melita Trains* fejn kienu qed jagħmlu proposta lil Kunsill sabiex il-bażi minn fejn titlaq it-train tiġi fuq is-Saqqaja.

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa mas-sidien tal-kumpanija nhar it-Tlieta 21 ta' April, fis-6.30 ta' filgħaxija, qabel ma titieħed tali deċiżżjoni.

Talba mill-kumpanija *Melita Trains*

14.09 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura bħal kull sena kienet ser terġa' torganizza l-wirja annwali tagħha fil-ġonna ta' San Anton. Huwa kompla li din l-għaqda kienet qed titlob is-sehem tal-Kunsill f'din il-wirja billi jagħmel qoffa irranġata bi fjuri jew bi ħxejjex ta' ikel u frott, li wara l-wirja dawn il-prodotti se jkunu mogħtija donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. L-ispiża għal din il-qoffa ser tkun ta' €25. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu sehem f'din il-wirja. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura

14.10 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0227/15** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva stedina mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima sabiex il-Kunsill jieħu sehem fil-wirja tal-Imnarja billi jarma stand li bija jippromwovi il-lokalita'. L-Kunsill ma sabx min jarmalu l-imsemmija *stand* u għaldaqstant mhux ser ikun possibbli li nieħdu sehem.

Stedina mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima

14.11 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0294/15** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għall-bankina ġdid quddiem residenza nru. 3 'Lourdes', Triq in-Nigret u oħra quddiem ir-residenza 'Imnarja' Triq il-Buskett.

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li tinġab stima tal-perit għal dawn ix-xogħolijiet qabel titieħed deċiżżjoni.

Talba għall- bankini ġodda

14.12 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0227/15** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għall-bankina ġdid quddiem residenza 'Casa Bonnici' Ħofriet ir-Rizz, L/O Rabat.

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-ewwel trid tiġi asfaltata t-triq qabel l-Kunsill jagħmel l-bankini f'din it-triq.

Talba għall-bankina ġdida

**15.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B07**

15.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B07 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija B07

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B07**

16.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B07 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù B07

## 17.00 Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 17.01 | Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn April - Ġunju 2015 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din l-proposta l-Kunsilllier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. | Programm tal-ħarġiet għall-Anzjani |
| 17.02 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jibda taħdidiet mal-aġenzija żgħażagħ sabiex jigi iffurmat Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fir-Rabat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima, Il-Kunsill qabel unanimament. | Kunsill Lokali Żgħażagħ |
| 17.03 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jippartecipa fi proġett kreattiv bl-isem 'Darba Waħda' Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. | Proġett 'Darba Waħda' |
| 17.04 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-*bring in sites* li hemm Pjazza Forok jinsabu maħmugin. | *Bring in sites* maħmugin |
| 17.05 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li go Triq Cosmana Navarra hemm bozza maqtugħa. | Bozza maqtugħa fi Triqq Cosmana Navarra |
| 17.06 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Triq Cosmana Navarra tinsab maħmuga. | Ħmieg fi Triq Cosmana Navarra |
| 17.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fiz-zona tax-Xafura l-Baħrija hemm diversi ħofor.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li z-zona taqa taħt ir-responsabbilità tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, tali ilment ser jittellgħu għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. | Ħofor fiz-zona tax-Xafura l-Baħrija |

## 18.00 Data tas-seduta li jmiss

| | | |
|---|---|---|
| 18.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 21 ta' April 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 18.02 | Il-laqgħa ntemmet fil-10.00 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta 21 ta' April 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**